**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR
## DR. NADIA H. VELLA

Seduta tas-27 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 601/2014 NHV

Numru fuq il-Lista: 16

**GO p.l.c. – C22334**

**vs.**

Farrugia Geneve K.I. 103578(M), a nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` **Euroline Limited (C30815)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta` konvenuta tas-somma ta' ħames mija u tliet ewro, tnejn u għoxrin ċenteżmu (€503.22c), in konnessjoni ma' servizz ta' televiżjoni bl-akkont numru *A/C40191773* reżi mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta` konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta u r-rappreżentant tagħha ġew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, is-soċjeta` konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Sema' lil Simone Wightman rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi tikkonferma bil-ġurament illi l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi għadu dovut u ma tħallasx lanqas in parte.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' ħames mija u tliet ewro, tnejn u għoxrin ċenteżmu (€503.22c), bl-imgħax legali dekorribbli mill-21 ta' Awwissu 2014, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur